371

**RIZOLUZZJONI DWAR TRASFERIMENT TA' PROPRJETA'**

**IS-SEGRETARJU PARLAMENTARI RESPONSABBLI MILL-IPPJANAR U S-SIMPLIFIKAZZJONI AMMINISTRATTIVA FL-UFFICCJU TAL-PRIM MNISTRU** jipproponi l-Kamra tad-Deputati tapprova din-Rizoluzzjoni:-

Billi l-Foundation for the Rehabilitation of Drug Abusers talbet lil Gvern ta' Malta jikkoncedi a favur taghha b'titolu ta' koncessjoni enfitewtika temporanja ghal zmien 25 sena mid-data tal-kuntratt ta' bicca art fil-klawsura 'Tal-Libwar', fis-Siggiewi, bil-benefikati/bini/miljoramenti fuqha kollha, bl-arja libera taghha/taghhom, tal-kejl ta' circa disat elef mitejn u tnejn u erbghin metru kwadru (9242m.k), bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha/taghhom, u liema art bil-benefikati fuqha tinsab murija delineata bl-ahmar fuq pjanta u survey sheet inserita fl-istess pjanta, indikata bhala Property Drawing Numru elfejn u sittax underscore zero sebgha sitta erbgha (P.D. No:2016_0764), liema pjanta ser tigi annessa mal-att taht il-pattijiet u kundizzjonijiet stipulati fl-att; u

Billi hija l-politika tal-Gvern li jippromwovi attivitajiet socjali, ghalhekk il-Gvern qieghed jiddisponi b'titolu ta' enfitewsi temporanja ghal perjodu ta' hamsa u ghoxrin (25) sena b'effett mid-data tal-att a favur il-Foundation for the Rehabilitation of Drug Abusers il-propjeta' hawn fuq deskritta bil-benefikati/bini/miljoramenti fuqha, bid-dritt a xelta tal-Foundation, li tipproroga din il-koncessjoni enfitewtika temporanja (sakemm din ma tkunx giet terminata qabel) ghal zewg perjodi biss konsekuttivi ta' hamsa u ghoxrin (25) sena bl-istess kundizzjonijiet u dan permezz ta' ittra ufficcjali li tindika din l-intenzjoni taghha mibghuta sitt (6) xhur qabel it-terminazzjoni ta' din il-koncessjoni u, f'kaz ta' perjodu sussegwenti, qabel it-terminazzjoni ta' dan il-perjodu; u

U billi huwa mahsub fil-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 268), li proprjeta' li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tigi trasferita skond rizoluzzjoni specjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-sehh fil-waqt tat-trasferiment; u

Billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Ghalhekk huwa b'dan riżolut li proprjeta ossia bicca art fil-klawsura 'Tal-Libwar', fis-Siggiewi, bil-benefikati/bini/miljoramenti fuqha kollha, bl-arja libera taghha/taghhom, tal-kejl ta' circa disat elef mitejn u tnejn u erbghin metru kwadru (9242m.k), bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha/taghhom, u liema art bil-benefikati fuqha tinsab murija delineata bl-ahmar fuq pjanta u survey sheet inserita fl-istess pjanta, indikata bhala Property Drawing Numru elfejn u sittax underscore zero sebgha sitta erbgha (P.D. No:2016_0764), tiġi moghtija b'titolu ta' enfitewsi temporanja ghal perjodu ta' hamsa u ghoxrin (25) sena dekorribbli mid-data tal-att a favur il-Foundation for the Rehabilitation of Drug Abusers, ghall-iskop u skond il-pattijiet u l-kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

**SEGRETARJU PARLAMENTARI RESPONSABBLI MILL-IPPJANAR U SIMPLIFIKAZZJONI AMMINISTRATTIVA FL-UFFICCJU TAL-PRIM MINISTRU**

7/7/2016